

RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L 262 tas-17 ta' Ottubru 2000)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Volum 4, p. 48)

Fil-paġna 48, il-premessa 11,

minflok: “(11) in id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri dwar it-termini ta' żmien għat-trasportazzjoni kif stabbilit fl-Anness VIII, il-Parti B,”;

aqra: “(11) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri dwar id-dati ta' skadenza għat-traspożizzjoni kif stabbilit fl-Anness VIII, il-Parti B,”;

Fil-paġna 50, l-Artikolu 6, il-paragrafu 2, il-punt (i),

minflok: “(i) arranġamenti għall-ġarr bla perikolu u trasportazzjoni ta' aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.”;

aqra: “(i) arranġamenti għall-maniġġ u t-trasport bla perikolu ta' aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.”;

Fil-paġna 50, l-Artikolu 8, il-paragrafu 1, il-punt (e),

minflok: “(e) il-proċeduri huma speċifikati għat-teħid, ġarr u pproċessar ta' kampjuni ta' orġini umana jew ta' l-annimali.”;

aqra: “(e) il-proċeduri huma speċifikati għat-teħid, il-maniġġ u l-ipproċessar ta' kampjuni ta' orġini umana jew tal-annimali.”;

Fil-paġna 51, l-Artikolu 10, il-paragrafi 1 u 2,

minflok: “1. Min iħaddem għandu jipprovdi struzzjonijiet bil-miktub fuq il-post tax-xogħol u, jekk ikun addattat, jwahaħal avviżi li għandhom, għallinqas, jinkludu l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta':

(a) aċċident jew inċident serju li jinvolvi il-ġarr ta' aġent bijoloġiku;

(b) ġarr ta' aġent bijoloġiku ta' grupp 4.

2. Il-ħaddiema għandhom jirraportaw minnufih kull aċċident jew inċident li jinvolvi l-ġarr ta' aġent bijoloġiku lill-persuna inkarigata, jew lill-persuna responsabbli mis-sigurtà u mis-saħħa fuq il-post tax-xogħol.”;

- aqra:* “1. Min iħaddem għandu jipprova struzzjonijiet bil-miktub fuq il-post tax-xogħol u, jekk ikun xieraq, iwaħħal avviżi li għandhom, minn tal-inqas, jinkludu l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta’:
- (a) aċċident jew inċident serju li jinvolvi l-maniġġ ta’ aġent bijoloġiku;
 - (b) il-maniġġ ta’ aġent bijoloġiku tal-grupp 4.
2. Il-ħaddiema għandhom jirrapportaw minnufih kwalunkwe aċċident jew inċident li jinvolvi l-maniġġ ta’ aġent bijoloġiku lill-persuna inkarigata, jew lill-persuna responsabbli mis-sigurtà u mis-saħħa fuq il-post tax-xogħol.”;

Fil-paġna 53, l-Artikolu 16, il-paragrafu 1, il-punt (a),

- minflok:* “(a) Il-laboratorji li jwettqu xogħol li jinvolvi l-ġarr ta’ aġenti bijoloġiċi tal-grupp 2, 3 jew 4 għar-riċerka, żvilupp, tagħlim jew raġunijiet ta’ dijanjosi għandhom jistabbilixxu il-miżuri ta’ trażżin skond l-Anness V, sabiex inaqqsu kemm jista’ jkun ir-riskju ta’ infezzjoni.”,

- aqra:* “(a) Il-laboratorji li jwettqu xogħol li jinvolvi l-maniġġ ta’ aġenti bijoloġiċi tal-grupp 2, 3 jew 4 għar-riċerka, żvilupp, tagħlim jew raġunijiet ta’ dijanjosi għandhom jistabbilixxu il-miżuri ta’ trażżin skont l-Anness V, sabiex inaqqsu kemm jista’ jkun ir-riskju ta’ infezzjoni.”;

Fil-paġna 53, l-Artikolu 16, il-paragrafu 1, il-punt (b), it-tieni sentenza,

- minflok:* “Attivitajiet li jinvolvu l-ġarr ta’ aġent bijoloġiku għandhom isiru.”,

- aqra:* “Attivitajiet li jinvolvu l-maniġġ ta’ aġent bijoloġiku għandhom isiru.”.

Fil-paġna l-Artikolu 16, il-paragrafu 1, il-punt (c), l-ewwel sentenza

- minflok:* “(c) Laboratorji li jiġu f’kuntatt ma’ materjali li fir-rigward tagħhom ikunu jeżistu dubji dwar il-preżenza ta’ aġenti bijoloġiċi li jistgħu jikkawżaw il-mard fil-bniedem iżda li ma jkollhomx bħala l-għan tagħhom, xogħol b’aġenti bijoloġiċi (i.e. jikkultivawhom jew jikkoncentrawhom) għandhom jadottaw għallinqas il-livell ta’ trażżin 2. ”;

- aqra:* “(c) Laboratorji li jimmaniġġaw materjali li fir-rigward tagħhom ikunu jeżistu dubji dwar il-preżenza ta’ aġenti bijoloġiċi li jistgħu jikkawżaw il-mard fil-bniedem iżda li ma jkollhomx bħala l-għan tagħhom, xogħol b’aġenti bijoloġiċi (i.e. jikkultivawhom jew jikkoncentrawhom) għandhom jadottaw minn tal-inqas il-livell ta’ trażżin 2. ”.
-